**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni 652/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**vs**
**John Saliba**

**Illum, 14 ta' Gunju 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**John Saliba**, detentur tal-karta ta' l-identita b'numru 85374(M).
>
> U nakkuzah talli f'dawn il-gzejjer nhar il-11 t' Ottubru 2018 gfhal habta ta' 06:15hrs u fix-xhur ta' qabel gewwa Haz-Zabbar u diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer;
>
> 1. Ikkaguna lil mara tieghu Romina Saliba biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew

dixxendenti taghha u dan bi ksur tal-Artikli 251B tal-Kodici Kriminai tal-Kap 9;

2. Ta' fastidju lil mara tieghu Romina Saliba u dan bi ksur tal-Artikli 251A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9;

3. Kiser il-kundizzjoni tal-liberta provizjorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati u b'digriet tal-Qorti tal-25 t'Ottubru 2018 wara talba ghall-korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni giet taqra 'kiser Ordni ta' Protezzjoni moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)' preseduta mill-Onor. Imhallef Antonio G. Vella LL.D., nhar il-05/09/2018 billi kiser r-rekwizit (a) billi avvicina jew b'xi mod segwa l-movimenti ta' Romina Saliba.

U nakkuzah wkoll talli nhar il-11 t'Ottubru, 2018 ghall-habta ta' 06:15hrs gewwa Haz-Zabbar:

a) Talli kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied

b) Talli kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra John Saliba a beneficju ta' Romina Saliba u familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
Il-Qorti hija mitluba f' kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Romina Saliba u familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil John

Saliba b’ obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et sew tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tornda lill-imsemmi John Saliba sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitrluba titrata lil John Saliba bhala persuna recediva meta gie is-sentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta),liema sentenzi saru definitivi u ma jistax jigu mibduliha u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-parte civile iddikjarat u kkonfermat li trdi twaqqaf dawn il-proceduri dis-seduta tal-14 ta’ Gunju 2019;

Il-Qorti stante illi il-parte civile irtirat il-kwerela, ghalhekk il-mertu tal-ewwel u t-tieni akkuza llum huwa ezawriti; fir-rigward tat-tielet akkuza l-prova migjuba mhux sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali u ghalhekk it-tielet akkuza ma tirrizultax, u fir-rigward tal-akkuzi rigwardanti l-11 t’Ottubru 2018 fil-paragrafu a u b, xehdet biss il-kwerelanta u stante li din ma fadlilihiex interess f'din il-kawza u irtirat ir-rapport taghha, il-mertu ta’ tali akkuzi huwa wkoll ezawrit.

Il-Qorti ghalhekk qed tilliberra lill-imputat minn kull akkuza.

(ft) ***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg

Deputat Registratur